FIL-QORTI CIVILI
(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' April 2023**

**Rikors nru : 127/2023 AGV**

**LC**

**Vs**

**MC**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' LC datat 3 ta' Marzu 2023 ;**

**Tesponi bir-rispett:**

Illil-partijiet izzewwgu fit-8 t' April, 2000 (Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal tewmin M  u F ta' 11-il sena;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ta separazzjoni konsenswali ppubblikat min Nutar Dottor Jean Carl Debono fit-3 ta Mejju, 2019 Dok. B anness);

Illi ma jezistix ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnithom minhabba illi ilhom snin mifrudin u jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skont l-Artilkolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi qed jigi anness ukoll ma dan ir-rikors l-affidavit tar-Rikorrenti nnfisha (Dok C);

Ghaldaqstant l-Esponenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u;

2. Tordna lir-Registaratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat li l-intimat ma ppresentax risposta, ghalkemm debitament notifikat.**

Il-Qorti rat ir-rikors li gie pprezentat mill-istess LC datat 16 ta' Marzu 2023 , fejn

**Tesponi bir-rispett:**

Illi l-Esponenti taghmel riferenza ghall-ewwel zewg Premessi tar-Rikors Promotorju taghha li jaqraw hekk kif gej:

*Illi l-partijiet izzewwgu fit-8 ta April 2000, (Dok A anness ) u minn dan iz-zwieg kellhom zewt itfal tewmin M u F ta' 11- il sena;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt tas-separazzjoni konsenswali ppubblikat min-Nutar Dottor Jean Carl Debono fit-3 ta Mejju 2019 Dok B anness);*

Illi l-Esponent tirrileva li hemm zball f'dawn il-premessi tar-Rikors taghha liema zball huwa palesi meta wiehed jara d-dokumenti annessi u dikjarazzjoni guramentata taghha;

Illi ghalhekk dawn iz-zewg Premessi kellhom jinqraw skont s-segwenti;

Illi l-partijiet izzewwgu fit-8 t' april 2000, Dok A anness u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li illum ghadhom minuri bl-isem ta J li twieled nhar l-24 ta' Mejju 2005 u E li twieldet fit-18 t'Awwissu, 2011;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ta separazjoni konsenswali ppubblikat min-Nutar Dottor Jean Carl Debono fit-3 ta Mejju, 2019 Dok B anness

Illi certamnet li din it-Talba taghha taqa' fl-paramentri tal-Art. 175(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghandha tintlaqa' tenendo kont fl-ewwel lok tal-istadju bikri tal-proceduri odjerni u fit-tieni lok skont il-principju procedurali sagrosant tal-Equality of arms;

Ghaldaqstant l-Esponent, qabel kwalunkwe notifika tar-Rikors Promotorju u d-dokumenti u ordnijiet ohra tal-intimat, tordna l-korrezzjoni tar-Rikors promotorju u hekk kif hawn fuq indikat.

Salv kull provvediment iehor li joghgobha taghti din il-Qorti.

Rat illi l-istess rikors gie milqugh permezz ta' digriet data 24 ta' Marzu, 2023.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 8 ta' April 2000.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**